MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Avviz Numru. 336/2000/1

**Vincent u Carmen konjugi Caruana**

**vs**

**Henry u Doris konjugi Brincat
u b'digriet tas-17 ta' Novembru, 2004 il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Colin Brincat u Doris Brincat**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-21 ta' Marzu, 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm538), jew somma verjuri, rapprezentanti danni hekk likwidati mill-Perit Michael Falzon u kif jirrizulta mill-annessi dok. A u B, stante perkolazzjoni ta' ilma mill-fond No. 2, f'Narrow Street, Msida proprjeta' tal-konvenuti ghal go l-fond No. 1, f'Narrow Street, Msida, proprjeta' ta' l-atturi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 18 ta' Jannar, 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz ghas-smiegh, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi l-pretenzjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-eccipjenti ma kkawzaw ebda danni lill-atturi u dana kif ser jigi prezentat ahjar fil-kawza u t-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Mejju, 2000 fejn innominat lil Perit Valerio Schembri bhala tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-atturi wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Novembru, 2004 fejn ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Colin Brincat u Doris Brincat, wara l-mewt tal-konvenut fil-mori tal-kawza;

Rat ir-rapport tat-tekniku minnha nominat, ipprezentata fit-28 ta' Mejju, 2002 u mahluf fis-27 ta' Gunju, 2002;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-partijiet huma proprjetarji ta' zewg fond sovrastanti f'Narrow Street, Msida. Dak bin-numru 1 huwa proprjeta' ta' l-atturi u fuqu hemm il-fond bin-numru 2 li huwa proprjeta' tal-konvenuti. Gie allegat li l-atturi sofrew danni fil-fond taghhom wara l-perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-konvenuti.

Minn naha taghhom il-konvenuti donnhom qeghdin jghidu illi l-hsarat gew ikkagunati mill-istess atturi wara xogholijiet illi saru fil-fond taghhom.

It-tekniku nominat mill-Qorti, pero' mhuwiex ta' l-istess opinjoni. Tant hu hekk, illi fil-paragrafu sebgha (7) tar-relazzjoni tieghu jghid car u tond, "Jidher ukoll li x-xogholijiet tat-titjib li saru mill-attur fuq il-faccata ma jistghux jitqiesu difettuzi u zgur illi mill-faccati ilma qatt ma seta' dahal."

Irrizulta illi c-carcir ta' l-ilma kien gej mis-saqaf u ghalhekk, direttament mill-fond ta' fuq. Il-perit tekniku huwa ta' l-istess fehma tal-Perit ex-parte Michael Falzon, meta wasal ghall-konkluzjoni illi l-kagun ta' l-ilma kien gej mill-fatt li l-fond ta' fuq ma kienx qieghed mizmum fi stat tajjeb u ma kienx adekwatament maghluq ghall-elementi.

F'paragrafu ghaxra (10) tal-konkluzjoni tieghu, il-perit tekniku nnominat mill-Qorti jghid, "Qabel ma din l-opinjoni u dan ghas-semplici raguni li l-fatti kkonstati waqt l-access jindikaw tali konkluzjoni."

Fl-ahhar ikkonkluda illi d-danni kkagunati fil-proprjeta' ta' l-atturi kawza tal-perkolazzjoni ta' l-ilma kien jammonta ghas-somma ta' erba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm422.26).

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Benjamin Camilleri Noe vs Charles Debattista noe, deciza fid-9 ta' Frar, 2001 qalet illi, "L-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn perit tekniku, bhal kull prova ohra setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan, pero' mhux leggerment jew kapriccjosament, imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola hu stabbilit anki mill-gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta u twarrab opinjoni ta' perit tekniku minnha nominat, ghaliex dik kif inghad, tikkonstitwixxi element ta' prova mportanti jekk hux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant."

Il-Qorti ma ssib l-ebda rgaguni il-ghala ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet teknici raggunti mill-perit minnha nominat.

Hu probabbli, ladarba l-fond ta' fuq ma jkunx indukrat tajjeb, dahal l-ilma u pperkola fil-fond ta' taht. U ghalhekk, il-Qorti taghmel taghha r-ragunamenti migjuba mill-perit tekniku u taqbel mall-konkluzjonijiet raggunti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi, limitatament ghas-somma ta' erba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm422.26), tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hsarat subiti fil-fond ta' l-atturi 1, Narrow Street, Msida.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notiofika ta' l-Avviz ghas-smiegh, kontra konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------